# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 10 ta' Novembru, 2000.

### Citazzjoni numru : 109/95G1(PC)

**Joseph Cauchi .**

**Vs**

**Joseph Vella .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :**

**Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' seba' mija u disghin lira Maltin, tmintax-il centezmu u sitt millezmi (LM790.18c6) skond kont li jinsab hawn anness u mmarkat Dok . A ;**

**Illi l-attur debitament interpella lill-konvenut sabiex ihallas dan l-ammont u dan baqa' inadempjenti .**

**Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tiddikjara lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM790.18c6.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-1 ta' Jannar, 1995 sad-data tal-hlas effettiv .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu mahlufa .**

**Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :**

1. **Illi preliminarjament din il-Qorti mhiex il-Qorti kompetenti sabiex tisma u tiddecidi dan il-kaz ;**

**2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess il-pretensjoni tal-attur ghandhom jigu michuda in toto stante illi l-pagament diga' sar u sar "in full and final settlement: u dan skond id-dokument immarkat Dok "A" u ghalhekk huwa infondat fil-fatt u fid-dritt .**
**3. Illi din ic-citazzjoni de quo hija nulla u bla effett fil-Ligi stante illi l-avukat Dottor Alfred Grech ghan-nom tal-attur intrabat illi jirtira kwalunkwe azzjoni legali kontra l-konvenut ;**
**4. Illi f'kull sens l-ammont pretiz qatt ma gie miftiehem u hu eccessiv.**
**5. Illi bla pregudizzju l-ammont huwa preskritt ai termini tal-Ligi .**
**6. Salv eccezzjonijiet ohra .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament ikkonfermata bil-gurament tieghu .**

**Rat in-Nota ta' l-Oservazzjonijiet ta' l-attur .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**
**Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob minghand il-konvenut il-hlas ta' bilanc minn somma akbar li skond l-attur dan kien ghad baqaghlu jaghtih .**

**Il-konvenut eccepixxa fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' din il-Qorti li tisma' l-kaz, pero' baqa' qatt ma spjega ghaliex din il-Qorti kienet inkompetenti . Lanqas ma gab ebda provi dwar din l-istess eccezzjoni u ghalhekk din qed tigi minnufih respinta .**

**Ta' importanza kbira pero hija t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fis-sens illi l-pretensjoni ta' l-attur kellha tigi michuda 'in toto' stante illi l-pagament diga sar u sar "in full and final settlement", u dan skond id-Dokument immarkat "Dok. A" anness mac-citazzjoni .**

**Din l-iskrittura li giet esebita mill-konvenut (Dok. A a fol. 14 tal-process) tghid testwalment :**

**"I, the undersigned Dr. Alfred Grech for and on behalf of Joseph Cauchi of 33, Dalelands Street, San Lawrenz, do hereby acknowledge receipt of one thousand two hundred and sixty (Lm1260) liri in full and final settlement of any fees and amounts due by Joseph Vella to Joseph Cauchi .**

**Dr. Grech hereby binds himself to withdraw all pending legal action against Joseph Vella in regards with the case Joseph Cauchi vs Joseph Vella."**

**Mhux qed jigi kontestat illli din l-iskrittura tassew giet iffirmata mill-avukat dottor Alffed Grech u li dan kien ircieva l-ammont indikat fuq dik l-iskrittura minghand Joseph Vella . Lanqas m'hu qed jigi sottomess illi l-hlas mitlub fic-citazzjoni prezenti jirreferi ghal xi djun ohra li seta' rega' ghamel il-konvenut wara li kienet giet iffirmata l-istess skrittura . Li qed jikkontendi l-attur huwa biss li l-avukat tieghu, Dr. Alfred Grech ma kien awtorizzat jittransigi f'ismu l-pendenzi li kellu mal-konvenut permezz ta' l-iskrittura imsemmija .**

**Huwa sinjifikanti illi l-attur baqa' qatt ma qal xejn dwar din l-allegazzjoni fid-deposizzjoni tieghu . Anzi llimita ruhu biss illi jispjega l-ammont li skond hu kien ghadu mhux saldat mill-konvenut . L-argument li l-avukat tieghu ma kienx awtorizzat jiffirma l-iskrittura "Dok. A", l-attur qajmu biss fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu, wara li din il-kawza kienet gia thalliet ghas-sentenza, u din l-allegazzjoni qatt ma giet sostanzjata bl-ebda mod .**

**Irrizulta illi fl-okkazjoni li saret din l-iskrittura, l-konvenut u l-avukat tieghu kienu ltaqghu mal-legali ta' l-attur, u wara diversi trattattivi intlahaq ftehim illi jithallas l-ammont indikat fl-iskrittura a saldu tal-pretensjonijiet ta' l-attur, li kellu da parti tieghu jcedi kwalunkwe proceduri legali li kellu rigward dan id-dejn fil-konfront tal-konvenut. Meta sar dak il-ftehim la l-konvenut u lanqas il-legali tieghu ma kellhom ghalfejn jiddubitaw illi l-avukat dottor Grech kien qed jidher ghal-attur f'dawk it-trattattivi . Imkien ma rrizulta illi dan kien qed jissoggetta l-fethim ghall-approvazzjoni jew ratifika tal-klijent tieghu . Anzi jinghad specifikament fl-istess skirttura illi Dr. Grech kien qed jidher " … for and on behalf of Joseph Cauchi …" (l-attur) . Il-mandat ta' dottor Grech kien ghalhekk qed jigi minnu stess dikjarat specifikament fuq dik l-iskrittura .**

**Lanqas huwa gust illi wiehed jippretendi li l-konvenut issa jigi imgieghel ihallas dak li skond dik l-iskrittura kien minghalieh ha jiffranka, jew ghax l-attur kien ser jahfirlu d-differenza jew inkella ghaliex kien qed jigi rikonoxxut illi tassew ma kienx dovut xejn izjed . Kienet x'kienet ir-raguni vera, dawk kienu l-kundizzjonijiet li gaghlu jew hajru lill-konvenut jasal biex ihallas is-somma indikata fl-iskittura "in full and final settlement" . M'ghandu issa jkollha ghalhekk ebda bazi legali l-kontenzjoni illi donnu qed jaghmel l-attur illi dik l-iskrittura m'ghandha ebda validita' fil-konfront tieghu ghax**

**il-legali tieghu ma kienx gie minnu awtorizzat jittransigi b'dak il-mod, meta baqghu qatt ma ngabu ebda provi f'dan ir-rigward .**

**Ghaldaqstant, billi l-iskrittura "Dok. A" tiddikjara inekwivokament illi l-pagament mill-konvenut kien qed isir "in full and final settlement" tad-debiti kollha li kellu ma' l-attur, mhux gustifikat l-attur, wara pagament taht dawk il-kundizzjonijiet, jibqa' jinsisti ghal hlas ta' kwalukwe bilanc allegatament dovut .**

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' din it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S10995Pc
1043